**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 36**

L-Erbgħa, 11 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fid-9.01 a.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg u l-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet l-Onor. Owen Bonnici kienu msiefra fuq xogħol tal Gvern.

L-Onor. Conrad Borg Manché u l-Onor. Francesca Zarb kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Marilena Gauci kienet skużata.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà l-Onor. Glenn Bedingfield, il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea u s-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Deo Debattista, l-Onor. Anthony Agius Decelis, l-Onor. Ramona Attard, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Clint Azzopardi Flores, l-Onor. Julian Borg, l-Onor. Yana Borg Debono Grech, l-Onor. John Baptist Camilleri, l-Onor. Norma Camilleri, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Franco Mercieca, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, l-Onor. Deborah Schembri, l-Onor. Stephen Spiteri, l-Onor. George Vital Zammit u l-Onor. Stanley Zammit kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 35 li saret fl-10 ta' Novembru 2026 kienu kkonfermati

**MISTOQSIJIET**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, din is-seduta kienet mingħajr mistoqsijiet.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ESTIMI ĠENERALI 2027 – KUMITAT TA' PROVVISTA – IL-ĦAMES SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL KUMITAT**

Il-President tal Kumitati, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 23 - MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €604,276,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 23 – Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

**VOT 24 - EDUKAZZJONI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €567,333,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 24 – Edukazzjoni, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

**VOT XII - MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €112,979,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XII – Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport – Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

Il-President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fid-9.06 a.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Jerome Caruana Cilia ressaq din l-Emenda:

**VOT 23 - MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT**

***Personal Emoluments***

***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€57,928" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€57,925".

*Delete the figure "€57,928" and substitute therefor the figure "€57,925".*

F1-10.33 a.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Graham Bencini u l-Onor. Andrew Agius għan-naħa tal-Oppożizzjoni u l-Onor. Mariah Meli, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Romilda Zarb u l-Onor. Byron Camilleri għan-naħa tal-Gvern.

Bil-permess tal-Kumitat, l-Onor. Jerome Caruana Cilia qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 537 *PISA 2025 Results (Volume 1) – Country Notes: Malta OECD 2026*; u

P.L. 538 Artiklu bl-isem '*She came out wet and nauseous*'*: Mother sounds alarm over MATSEC resit conditions* li deher fuq is-sit online ta' *Lovin Malta* fl-1 ta' Settembru 2026.

Bil-permess tal-Kumitat, l-Onor. Graham Bencini, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 539 Dokument bl-isem *Policy Recommendations for a National Talent Identification Framework for Sport in Malta - Evidence from the GOAL Project: Growing Outstanding Athletic Leaders* imħejji mill-GOAL Project Partnership ikkordinat minn Swieqi United FC datat 13 ta' Awwissu 2026; u

P.L. 540 Artiklu bl-isem *€1 million needed to fix new surface at incomplete Ħal Far track* li deher fuq is-sit online ta' *The Shift* fl-4 ta' Novembru 2026.

F'11.59 a.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport kienet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kellhom isiru f'seduta li d-data tagħha kellha tiġi deċiża skont l-istess mozzjoni ta' proċedura.

Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026 il-Kamra għaddiet għall-mozzjonijiet li kienu jidhru fuq l-aġenda.

**MOZZJONIJIET**

**APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI TAL-OMBUDSPLAN GĦAS-SENA 2027 – MOZZJONI 73**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, ippropona:

Illi wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ddiskuta l-Ombudsplan għas-sena 2027 ippreżentat mill-Ombudsman, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 18 tal-5 ta' Ottubru 2026;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Ombudsman personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat tat-13 ta' Ottubru 2026;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-Ombudsplan għas-sena 2027 kif ippreżentat.

L-Onor. Fleur Abela ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem.

**APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI TAL-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA GĦAS-SENA 2027 – MOZZJONI 74**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, ippropona:

Illi wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ddiskuta l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-sena 2027 ippreżentati mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, li kopja tagħhom tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 17 tal-4 ta' Settembru 2026;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat tat-13 ta' Ottubru 2026;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-sena 2027 kif ippreżentati.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem.

**APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI TAL-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA GĦAS-SENA 2027 – MOZZJONI 75**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jippropponi:

Wara li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ra l-Estimi tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2027;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mis-Sur Charles Deguara, personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fid-19 ta' Ottubru 2026;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Peress li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika b'mod unanimu rrakkomanda li l-estimi għandhom jiġu approvati kif imressqa;

Il-Kamra tad-Deputati għalhekk tapprova dawn l-estimi kif imressqa u kif approvati mill-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem.

**AĠĠORNAMENT**

F'12.04 p.m. il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 11 ta' Novembru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Estimi Ġenerali 2027 - Kumitat ta' Provvista

**Is-Sitt Seduta Stabbilita – Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas Saħħa**

| | | |
|---|---|---|
| Vot 11 | - | Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas Saħħa |
| Vot 12 | - | Anzjani u Kura fil-Komunità |
| Vot V | - | Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas Saħħa – Kapital |

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula sal-4.30 p.m. u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

F'12.05 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. BERNARD GRECH**
**DEPUTY SPEAKER**